# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 23 ta' Jannar, 2020**

**Kawża Nru. 34**

**Rik. Nru. 1023/16JRM**

**DOM COMMUNICATIONS LIMITED (C – 62617)**

vs

Mark **CAMILLERI** u bħala *Chairman* Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors maħluf imressaq fid-9 ta' Novembru, 2016, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, il-kumpannija attriċi titlob li din il-Qorti (1) issib li d-deċiżjoni meħuda tat-13 ta' Settembru, 2016, li biha l-kumpannija attriċi ma ġietx mogħtija posta fil-*Malta Book Festival 2016* hija nulla u bla

effett, fost oħrajn, a tenur tal-artikolu 469A(1)(a) tal-Kap. 12 billi ttieħdet bi ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha kif imħarsin senjatament fl-artikoli 39 u 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikoli 6 u 10 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħarsien tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta); (2) issib li l-istess deċiżjoni hija nulla u bla effett, fost oħrajn, a tenur tal-artikolu 469A(1)(b) tal-Kap. 12; (3) issib li l-aġir tal-intimati kien b'mala fidi u jew mhux raġonevoli skond l-artikolu 469A(5) tal-Kap. 12, konsegwentement tillikwida u tordna li jitħallas lill-kumpannija attriċi kumpens xieraq; u (4) tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa u opportuni. Talbet ukoll l-ispejjeż;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Novembru, 2016[1], li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-kumpannija attriċi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tat-2 ta' Diċembru, 2016, li biha l-Ministeru mħarrek preliminarjament jgħid li skond l-artikolu 181B(1) tal-Kap 12, il-Gvern għandu jkun rappreżentat mill-Kap tad-dipartiment tal-gvern li jkun inkarigat fil-materja, f'dan il-każ s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol. Jgħid ukoll li s-Segretarju Permanenti mhux il-kontradittur leġittimu f'din il-kawża billi l-Ministeru m'għandu x'jaqasam xejn f'din il-kwestjoni. Illi l-kumpannija attriċi ma tistax tinqeda b'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju taħt l-artikolu 469A tal-Kap. 12 billi l-esponenti ma wettaq l-ebda għemil amministrattiv għaliex ma ħareġ ebda deċiżjoni fil-konfront tal-kumpannija attriċi. Fil-mertu, jiċħad kull pretensjoni mressqa kontra l-Ministeru u jgħid li m'għandux ibati spejjeż;

Rat it-Tweġiba Maħlufa tal-5 ta' Diċembru, 2016, li biha l-imħarrkin Mark Camilleru f'ismu u bħala *Chairman* Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb preliminarjament jgħidu li fil-vesti tiegħu personali, Mark Camilleri mhux il-kontradittur leġittimu billi qatt ma wettaq jew implimenta xi deċiżjoni fil-konfront tal-kumpannija attriċi fil-vesti tiegħu personali. Bħala *Chairman* Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Mark Camilleri, kif ukoll il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktiebu jgħidu li mhumiex il-kontradittur leġittimi billi ma jikkwalifikawx bħala '*awtorità pubblika*' skond l-artikolu 469A(2) tal-Kap. 12. Jgħidu wkoll li l-azzjoni hija intempestiva billi l-Qorti ma tistax tissostitwixxi jew twaqqa' d-diskrezzjoni eżerċitata mill-intimati ladarba l-Malta Book Festival 2016 intemmet fit-13 ta' Novembru, 2016. Fil-mertu, jiċħdu x-xiljiet attriċi u jgħidu li ma kisru ebda jeddijiet spettanti mill-kumpannija attriċi. Itemmu jgħidu li l-aġir tagħhom ma kienx abbużiv u m'għandhom iħallsu ebda danni lill-kumpannija attriċi;

[1] Paġġ. 34 sa 35 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tal-11 ta' Jannar, 2017[2], li bih ordnat li, qabel kull ħaġ'oħra, il-partijiet iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub marbuta mal-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-Ministeru intimat, kif ukoll l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni preliminari tal-intimati l-oħrajn;

Rat il-verbali li bihom il-partijiet talbu lill-Qorti biex tieqaf tisma' l-kawża sakemm jistħarrġu l-possibilità li jaslu f'arranġament bonarju bejniethom barra l-Qorti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-Ministeru mħarrek fit-28 ta' Frar, 2017[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrkin l-oħrajn fit-28 ta' Frar, 2017[4];

Rat li minkejja li l-kumpannija attriċi, fuq talba tagħha, ingħatalha żmien biżżejjed biex tressaq is-sottomissjonijiet tagħha bi tweġiba għal dawk tal-intimati, ma tresqet ebda sottomissjoni min-naħa tagħha[5];

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet preliminari tal-Ministeru intimat, kif ukoll l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati l-oħra;

***Ikkonsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Il-kumpannija attriċi (minn issa 'l quddiem imsejħa "DCL") tilmenta miċ-ċaħda tat-talba tagħha biex tieħu sehem fil-fiera tal-ktieb tas-sena 2016, u dan wara li għall-ewwel it-talba tagħha kienet intlaqgħet (u ntlaqa' wkoll il-ħlas mibgħut minnha lill-organiżżaturi) u mbagħad kienet riveduta b'deċiżjoni tat-13 ta' Settembru, 2016 mill-imħarrek *Chairman* Eżekuttiv tal-Kunstill Nazzjonali tal-Ktieb (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'iċ-*Chairman*') bil-konsegwenza li ma tħallietx tarma *stand* fil-fiera. Aktar tard, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Kunsill') bagħat lura lil DCL il-ħlas magħmul. Tgħid li r-raġunijiet li ngħataw wara tali rifjut huma bla bażi. Tixli liċ-*Chairman* b'imġiba mhux

[2] Paġ. 95 tal-proċess
[3] Paġġ. 96 sa 98 tal-proċess
[4] Paġġ. 99 sa 102 tal-proċess
[5] Ara verbal tas-smiegħ tal-5 ta' Diċembru, 2017, f'paġ. 124 tal-proċess

xieraq li wasslet biex inkisru l-jeddijiet tagħha u tgħid li ġarrbet danni. Tixli lill-imħarrkin b'mala fidi, u trid li l-Qorti tħassar id-deċiżjoni tat-13 ta' Settembru, 2016, u tikkundanna lill-imħarrkin jikkumpensawha għad-danni li ġarrbet u li tagħti kull rimedju ieħor li jidhrilha xieraq;

Illi l-imħarrkin jiċħdu t-talbiet miġjuba kontra tagħhom għal raġunijiet varji. Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol (minn issa 'l quddiem imsejjaħ 'il-Ministeru') jgħid li bħala Ministeru ma messu qatt ġie mħarrek għaliex f'azzjonijiet kontra l-gvern kellu jitħarrek il-kap tad-dipartiment responsabbli mill-materja. Illi f'dan il-każ, għalkemm il-kap tad-dipartiment huwa s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru, ma jirriżultax li s-Segretarju Permanenti ħareġ xi deċiżjoni, għaldaqstant il-Ministeru m'għandux jibqa' fil-kawża. Min naħa l-oħra, l-imħarrek Mark Camilleri fil-vesti tiegħu personali wkoll jgħid li m'għandux jibqa' fil-kawża għaliex ma ħa ebda deċiżjoni f'ismu. Bħala *Chairman,* flimkien mal-Kunsill, jgħidu li ma jikkwalifikawx bħala 'awtorità pubblika' skond l-artikolu 469A(2) tal-Kap. 12, għaldaqstant għal din ir-raġuni wkoll jgħidu li m'għandhomx jibqgħu fil-kawża. Fil-mertu, l-imħarrkin jiċħdu x-xiljiet attriċi;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin kollha;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> tal-kawża f'dan l-istadju bikri tal-proċeduri jirriżulta li bejn id-9 u t-13 ta' Novembru, 2016, kellha tinżamm il-fiera tal-ktieb f'Malta. Għal dan il-għan, il-Kunsill ħejja formola ta' applikazzjoni sabiex timtela mill-eżebituri interessati li jieħdu sehem f'din il-fiera. F'April, 2016, DCL tefgħet it-talba tagħha u wriet ix-xewqa li tieħu sehem fil-fiera bħala '*publisher*' u tat l-għażla tagħha tal-posta li xtaqet tarma jekk tintgħażel[6]. It-talba tagħha ntlaqgħet[7], u f'Awwissu ħallset il-pagament mitlub[8]. It-talba ta' DCL imtliet minn Josef Grech, li f'DCL kien iżomm il-kariga ta' segretarju tal-kumpannija[9];

Illi jirriżulta li Grech kien qed jirrappreżenta aktar minn kumpannija waħda, li wkoll kienu ressqu talbiet lill-Kunsill biex jingħataw posti għalihom fil-fiera. B'komunika elettronika tat-12 ta' April, 2016[10], il-Kunsill għarraf lil Grech li, filwaqt li t-talba ta' DCL kienet intlaqgħet, ma kinux intlaqgħu dawk taż-żewġ kumpanniji l-oħrajn, għal raġunijiet marbuta mal-liġi tal-proprjetà intellettwali. Fl-imsemmija ittra, il-Kunsill għarraf lil Grech li t-

[6] Dok. "A" f'paġġ. 9 sa 15 tal-proċess
[7] Dok. "Ċ" f'paġ. 17 tal-proċess
[8] Dok. "B" f'paġ. 16 tal-proċess
[9] Dok. "KNK1" f'paġ. 47 tal-proċess
[10] Dok. "Ċ" f'paġġ. 17 tal-proċess

talba kienet intlaqgħet taħt kundizzjonijiet ċari li DCL kellha tħares bla dewmien[11];

Illi jirriżulta li kienu ttieħdu numru ta' proċeduri l-Qorti kontra Grech, kemm ta' natura ċivili u wkoll kriminali, marbuta mal-qasam tal-proprjetà intelletwali[12]. B'komunika elettronika tal-istess jum, DCL bgħatet tinforma liċ-*Chairman* li hija ma kellha ebda relazzjoni mal-kumpanniji l-oħra li ssemmew fl-istess komunika;

Illi minħabba diżgwid li qam bejn Grech u l-Kunsill[13], fit-13 ta' Settembru, 2016, ittieħdet id-deċiżjoni mill-Kunsill li tiċħad it-talba ta' DCL biex tieħu sehem fil-fiera. Ftit jiem wara, bagħatilha lura l-ħlas li kienet għamlet żmien qabel[14]. Għal dan, DCL ipprotestat kontra l-Kunsill[15];

Illi fid-9 ta' Novembru, 2016, infetħet din il-kawża;

Illi bħala <u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali,</u> il-Qorti sejra tibda bl-istħarriġ tagħha dwar min kellu jitħarrek fil-kawża. Erbgħa huma l-eċċezzjonijiet li tqajmu f'dan il-kuntest, u lkoll b'raġunijiet waħda mhux bħall-oħra;

Illi f**l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni** preliminari tiegħu, il-Ministeru jgħid li mhux il-kontradittur leġittimu billi f'din il-kawża l-Gvern għandu jkun rappreżentat mid-dipartiment inkarigat fil-materja in kwistjoni, dan bit-tħaddim tad-disposizzjoni tal-artikolu 181B(1) tal-Kap. 12. Itenni li għalkemm huwa s-Segretarju Permanenti fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni (minn issa 'l hemm imsejjaħ 'is-Segretarju Permanenti') li huwa l-kap tad-dipartiment inkarigat, f'din il-kawża, ma jirriżultax li kien involut. Il-Ministeru għaldaqstant jitlob li jinħeles milli jibqa' parti fil-kawża;

Illi l-Qrati jgħallmu illi sabiex ikun stabbilit jekk parti f'kawza hijiex jew le l-leġittimu kontradittur tal-parti l-oħra, il-Qorti trid tistħarreġ jekk '*prima facie*' il-persuna imħarrka kinitx materjalment parti mit-trattativi li skond il-parti attriċi ħolqu r-relazzjoni ġuridika ta' bejniethom, u li jwasslu biex inħolqu rabtiet fuq il-parti imħarrka illi kellha twieġeb għalihom[16];

Illi l-atti tal-kawża juru li l-ġrajja kollha li dwarhom DCL fetħet din il-kawża kellhom x'jaqsmu ma' mġiba u deċiżjonijiet meħuda mill-Kunsill u ma ntwera bl-ebda mod li l-Ministeru jew l-istrutturi tiegħu kienu mdaħħla f'dak li

---

[11] Dok "F", f'paġ. 27 tal-proċess
[12] Dok. "KNK3" sa Dok. "KNK5" f'paġġ. 50 sa 85 tal-proċess
[13] Dok. "D" sa Dok. "H" f'paġġ. 18 sa 26 tal-proċess
[14] Dok. "I" u "J" f'paġġ. 27 u 28 tal-proċess
[15] Dok. "L" f'paġġ. 30 sa 33 tal-proċess
[16] App. Ċiv. **5.10.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et***

kien għaddej. B'żieda ma' dan, għalkemm jirriżulta li s-Segretarju Permanenti huwa responsabbli mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni[17], mill-provi ħareġ illi l-ilment ta' DCL huwa marbut mal-komunikazzjoni elettronika mibgħuta mill-imħarrek *Chairman* tal-Kunsill fit-13 ta' Settembru, 2016, u li s-Segretarju Permanenti ma kien bl-ebda mod imdaħħal fiha. Din il-fehma l-Qorti tkompli ssaħħaħha meta tqis li l-protest ġudizzjarju mibgħut minn DCL b'reazzjoni għall-istess komunikazzjoni elettronika tressaq fil-konfront tal-Kunsill u s-Segretarju Permanenti ma jidhirx li kien wieħed mill-protestati. Din iċ-ċirkostanza tista' ġġib magħha wkoll il-konsegwenza proċedurali li, ladarba l-istess protest ma kienx inħareġ u la kontra l-Ministeru u lanqas kontra s-Segretarju Permanenti, l-azzjoni mibdija kontrihom setgħet ma tkunx tiswa[18];

Illi għaldaqstant ma jirriżultax mid-daqqa t'għajn li kien hemm xi rabta ġuridika bejn DCL u s-Segretarju Permanenti. Dan iwassal lill-Qorti għall-fehma illi **l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni preliminari mressqa mill-Ministeru mħarrek** huma tajbin u jistħoqqilhom li jintlaqgħu;

Illi la darba ġew milqugħa l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-Ministeru, isegwi li għandha tiġi milqugħa wkoll i**t-tielet eċċezzjoni preliminari** tal-Ministeru billi ma nstabx li l-Ministeru ħareġ deċiżjoni fil-konfront ta' DCL. Għal dawn ir-raġunijiet it-tielet eċċezzjoni preliminari tal-Ministru intimat qiegħda tintlaqa' wkoll billi hija mistħoqqa;

Illi jmiss li l-Qorti tqis **l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Mark Camilleri. Huwa jsostni li għandu jiġi liberat mill-kawża billi ma ħareġ ebda ordni u ma ħa l-ebda deċiżjoni fil-konfront ta' DCC fil-kwalità personali tiegħu;

Illi mill-atti jidher bla ebda dell ta' dubju li l-komunikazzjoni mgħoddija lil DCL u d-deċiżjonijiet li ttieħdu fil-konfront tagħha saru minn Camilleri fil-kwalità tiegħu ta' *Chairman* Eżekuttiv tal-Kunsill u fl-ebda mansjoni oħra. Għadaqstant ir-rabta ġuridika meħtieġa bejn Camilleri u DCL biex tagħmel lill-imħarrek Camilleri kontradittur leġittimu fil-kawża hija fil-fatt nieqsa. Dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li l-**ewwel eċċezzjoni ta' Mark Camilleri** *proprio* wkoll għandha tintlaqa';

Illi bi**t-tieni eċċezzjoni preliminari,** l-imħarrkin Mark Camilleri bħala *Chairman* Eżekuttiv u l-Kunsill jgħidu li ma humiex kontradittturi leġittimi billi ma jikkwalifikawx bħala '*awtorità pubblika*' fit-tħaddim tad-disposizzjoni ta' l-artikolu 469A(2) tal-Kap. 12;

---

[17] Art. 92 tal-Kostituzzjoni ta' Malta
[18] Art. 460(1) tal-Kap 12

Illi din l-eċċezzjoni ddur mal-kwestjoni tas-setgħa ta' din il-Qorti li tistħarreġ l-ilment ta' DCL li jirrigwarda r-rifjut mill-Kunsill biex titħalla tieħu sehem fil-fiera tal-ktieb. Il-Qorti tqis li DCL għażlet li tressaq il-kawża tagħha speċifikatament taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li hija azzjoni meqjusa bħala waħda ta' proċedura speċjali dwar stħarriġ tal-għemil tal-amministrazzjoni pubblika;

Illi s-setgħat li l-liġi tagħti lill-Qrati f'azzjonijiet bħal din iridu jitwettqu fil-parametri preċiżi li tistabilixxi l-liġi speċjali. Min-naħa l-oħra, fejn din il-Qorti tissejjaħ biex twettaq is-setgħa tagħha li tistħarreġ għemil ta' xi awtorità pubblika, u x'aktarx minħabba li dan l-istħarriġ huwa r-rimedju waħdien li jingħata lil min iħossu mġarrab b'dak l-għemil, din għandha twettaqha safejn possibbli u safejn il-liġi ma teskludihiex milli tindaħal, u għandha tagħti lill-esklużjoni tifsira mill-idjaq kontra li terħi milli twettaq is-setgħat tagħha;

Illi l-eċċezzjoni taħt eżami trid sewwasew li din il-Qorti ssib li ma tistax tistħarreġ l-ilment ta' DCL minħabba impediment jew limitazzjoni li l-liġi, fis-subartikolu (2) tal-artikolu 469A imsemmi, tqiegħed meta titlob li l-għemil ikun sar minn awtorità pubblika. B''*awtorità pubblika*' l-liġi tifhem "*il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri w dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi*";

Illi l-imħarrkin jisħqu li l-Kunsill ma huwa ebda wieħed mill-persuni msemmija fit-tifsira u għalhekk m'huwiex "*awtorità pubblika*" kif tifhmu l-liġi biex Qorti jkollha s-setgħa tistħarrġu;

Illi l-Qorti jidhrilha li huwa meħtieġ li wieħed jara x'jitqies bħala "*awtorità pubblika*" taħt l-artikolu 469A(2) biex wieħed ikun f'qagħda li jiddetermina s-siwi ta' din l-eċċezzjoni. Fil-fehma tal-Qorti, l-entitajiet li għalihom it-tifsira taħt is-subinċiż (2) tirreferi, huwa entitajiet li l-Gvern għandu interess fihom, u li ġew fdati b'xi forma jew oħra ta' tmexxija pubblika;

Illi jekk wieħed iħares lejn l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika[19], għandu jsib li d-dipartimenti tal-Gvern, aġenziji w entitajiet tal-Gvern huma korpi illi jamministraw riżorsi pubbliċi w li jipprovdu servizzi lill-pubbliku jew jaqdu funzjonijiet oħra f'isem l-Istat[20]. Titqies ukoll bħala entità tal-gvern kull organiżżazzjoni, li ma tkunx dipartiment tal-Gvern, aġenzija tal-Gvern jew soċjetà kummerċjali, li fiha l-Gvern ikollu kontroll effettiv, sew jekk dik l-organizzazzjoni tkun jew ma tkunx imwaqqfa b'liġi[21]. Taħt l-istess Att, il-

[19] Kap. 497 tal-Liġijiet ta' Malta (mibdul bl-Att III tal-2019 – Kap 595)
[20] Art. 3 tal-Kap. 497 (Art. 3 tal-Kap 595)
[21] Art. 2(1) tal-Kap. 497 (Art. 2(1) tal-Kap 595)

ħatra ta' 'Kunsill' jitqies bħala bord responsabbli minn ħwejjeġ amministrattivi, kemm-il darba l-bord li jkun ikollu s-sostenn ta' segretarjat magħmul minn uffiċjali pubbliċi minn dipartimenti tal-Gvern[22];

Illi mill-atti, jirriżulta li l-Kunsill huwa maħtur mill-Ministru tal-Edukazzjoni għal żmien fiss[23], u huwa mistenni għaldaqsant li fl-aġir tiegħu, iwieġeb lill-Ministru li jaħtru. Fiż-żmien li ġraw il-ġrajja li għalihom DCL fetħet din il-kawża, il-Kunsill ma kienx imwaqqaf b'liġi. L-istess Kunsill kien ifisser lilu nnifsu bħala "*assoċjazzjoni ta' pubblikaturi u kittieba li toffri lill-industrija tal-ktieb malti bosta servizzi importanti filwaqt li tħeġġeġ il-qari u tmexxi 'l quddiem il-ktieb bħala mezz ta' komunikazzjoni fl-għamliet kollha tiegħu. Il-Kunsill jirrappreżenta lill-kittieba u lill-pubblikaturi f'fora pubbliċi u mal-istituzzjonijiet sabiex jippromwovi l-interessi ta' l-industrija tal-kotba*"[24];

Illi madankollu, matul iż-żmien li kienet miexja din il-kawża, il-Kunsill sar imwaqqaf b'liġi[25]. B'mod partikolari, l-liġi tgħid li l-Kunsill huwa korp ġuridiku b'personalità legali distinta li, fost l-oħrajn, jista' jidħol f'kuntratti u jħarrek jew ikun imħarrek[26]. L-Ordni jagħmilha ċara li l-Kunsill huwa "awtonomu"[27] u li jista' jaħdem kemm b'fondi pubbliċi. Huwa rilevanti li l-istess Kunsill jinħatar mill-Prim Ministru fuq rakkomandazzjoni tal-Ministru tal-Edukazzjoni għal żmien tliet (3) snin, li jistgħu jiġġeddu[28], imma minn hemm 'il quddiem, il-Kunsill imexxi ħwejġu minn rajh (għalkemm il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, jassenja xi funzjoni speċjali[29]) u jirregola l-proċeduri tiegħu[30]. Din il-Qorti tosserva li l-istess liġi tagħmilha ċara li awturi, pubblikaturi u akkademiċi u akkademiċi rtirati biss jistgħu jkunu membri tal-Kunsill[31], u l-istess Kunsill jista' jaħtar impjegati li jistgħu ma jkunux uffiċjali pubbliku[32] u li "*l-operat ta' natura eżekuttiva u amministrattiva u l-organiżżazzjoni tal-Kunsill u l-kontroll amministrattiv tiegħu, tal-uffiċjali tiegħu u tal-impjegati tiegħu, għandhom jibqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-President Eżekuttiv*"[33]. Fl-aħħarnett, xieraq li jingħad li l-President Eżekuttiv jirrapporta lill-Kunsill[34] u mhux lill-Ministru;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, dawn is-setgħat u responsabbiltajiet statutorji li bihom huwa mogħni l-Kunsill ilaħħmu l-qagħda li l-istess Kunsill kellu fiż-żminijiet rilevanti għall-ġrajjiet ta' din il-kawża. Dan ifisser li, mill-

[22] Art. 12(1) u (4) tal-Kap. 497 (Art. 13 tal-Kap 595
[23] Dok. "KNK1" f'paġ. 103 tal-proċess
[24] Ara s-sit elettroniku ktieb.org.mt
[25] L-Ordni tal-2017 għat-Twaqqif tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (A.L. 339/17, L.S. 327.580)
[26] Reg. 4(2) tal-A.L. 339/17
[27] Reg. 4(1) tal-A.L. 339/17
[28] Reg. 7(1) tal-A.L. 339/17
[29] Reg. 6(s) tal-A.L. 339/17
[30] Reg. 8(4) tal-A.L. 339/17
[31] Reg. 7(3) tal-A.L. 339/17
[32] Reg. 9(1) tal-A.L. 339/17
[33] Reg. 9(3) tal-A.L. 339/17
[34] Reg. 9(5) tal-A.L. 339/17

attributi li kien magħruf bihom u l-għanijiet u l-attivitajiet li seta' jwettaq – magħduda fosthom it-tnedija u t-tmexxija tal-fiera tal-ktieb – ma jistax jingħad li dawn huma attributi ta' *awtorità pubblika* kif mifhuma fl-artikolu 469A(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[35];

Illi għalhekk ma jidhirx li la l-imħarrek Camilleri *nomine* u lanqas il-Kunsill imħarrek ma huma il-kontradditturi leġittimi tal-għamla ta' azzjoni li DCL għażlet li tressaq quddiem din il-Qorti. Għalhekk, il-Qorti ssib li dawn l-eċċezzjonijiet preliminari wkoll huma mistħoqqa, u sejra teħles liċ-*Chairman* u lill-Kunsill milli jibqgħu mħarrka fil-kawża, bla ħsara ta' kull rimedju ieħor talvolta spettanti lil DCL fis-sedi xierqa;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari** tal-imħarrek Ministeru tal-Edukazzjoni, u teħilsu milli jibqa' fil-kawża;

**Tilqa' it-tielet eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrek Ministru tal-Edukazzjoni u tqis li hija mistħoqqa billi l-istess Ministeru ma ħa fil-konfront tal-kumpannija attriċi l-ebda deċiżjoni amministrattiva li dwarha tressqet din il-kawża;

**Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet preliminari** tal-imħarrek Mark Camilleri fil-kwalità personali tiegħu, u f'dik ta' *Chairman* Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u tal-istess Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u wkoll teħlishom milli jibqgħu fil-kawża, billi l-ebda wieħed minnhom ma huwa l-kontradittur leġittimu tal-għamla ta' azzjoni mressqa mill-istess kumpannija attriċi;

**Tordna** li l-**ispejjeż tal-kawża** jitħallsu mill-kumpannija attriċi.

**Moqrija**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,** | **Marisa Bugeja** |
| **Imħallef** | **Deputat Registratur** |
| **23 ta' Jannar, 2020** | **23 ta' Jannar, 2020** |

[35] Ara wkoll Wade & Forsyth Administrative Law (11th Edit., 2014) f'paġġ. 146 – 9